Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubbblika ta' Malta

[Avukat Sean Azzopardi]

[Spettur Kylie Borg]

[Spettur Brian Xuereb]

vs

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 696/2022

Illum, erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 2024

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli bejn l-ghoxrin (20) ta' Frar 2022 u s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena 2022, gewwa San Giljan, Malta, u/jew f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **B'ghemil zieni, ikkorrompa lil -Omissis-, persuna ta' taht is-sittax- il sena, liema delitt sar bi hsara ta' persuna ma ghalqitx l-eta` ta' tnax-il sena, u liema delitt sar minn persuna li, imqar jekk ghal xi zmien, tkun giet fdata l-persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha;**

   ***Art. 18, 203 (1)(a)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

2. **Ikkommetta att ta' natura sesswali minghajr kunsens, li fih innifsu ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikolità ta' qabel tas-Sub-titolu II tat-Titolu VII tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq -Omissis-, li huwa minuri, u li huwa persuna li tkun qieghda tghix fl-istess dar bhall-hati jew li kienet tghix mal-hati qabel ma**

**twettaq ir-reat, u liema delitt, jew id-delitti relatati saru ripetutament;**

***Art. 18, 207, 202 (g)(h)(v)(j) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

3. **Issoggetta lil -Omissis- ghal xi att ta' intimità fizika, u kif ukoll ghal xi att u, jew imgiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imgiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew initimdatorji lejha;**

   ***Art. 18, 251A (1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

Il-Qorti giet mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni *ai termini* tal-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawza u f'kaz ta' htija ai termini tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur il-minuri **-Omissis-**;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9

tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Rat l-atti tal-proces verbal bin-numru 9/2022 redatt mill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' April, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 18, 203(1)(a)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 202(g)(h)(v)(j), 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 251A(1)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 382, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

## IKKUNSIDRAT

Illi semghet lill-minuri **-Omissis-** li dak iz-zmien meta nqala' l-allegat incident kellu hames (5) snin u xehed fil-prezenza ta' esperta nominata mill-Qorti l-psikologa Dr Veronica Ellul Federici u permezz tas-sistema awdjoviziva. Gie spjegat ukoll l-importanza li jghid il-verità kollha u mhux xi haga li xi haddiehor ikun qallu.

Jghid li fid-dar tieghu jghix ma' ommu u mal-imputat li huwa s-sieheb ta' ommu. Jghid ukoll li ommu u missieru kienu ilhom jillitikaw bi proceduri tal-Qorti ghal madwar erba' (4) snin u dan stante li darba minnhom il-missier kien kecca lil omm meta kienu jghixu Spanja. Jghid li ghandu relazzjoni tajba mal-imputat u li kien ghallmu kif ghandu jinhasel bi sponza ta' lewn blu. Jixhed li

kawza ta' dan missieru haseb li l-imputat messlu l-parti privata tieghu b'mod abbuziv. Jghid li ommu tahslu kuljum u li l-imputat kien jahslu ta' spiss. Izid jghid li missieru holoq dan l-inkwiet kollu stante li hu m'ghandux relazzjoni amikevoli mal-imputat u mal-omm.

Jghid li l-imputat kien jghallmu biex jinhasel billi jkunu gewwa x-shower flimkien. Izid jghid li l-imputat kien ikun bil-qalziet ta' taht biss filwaqt li kien jahslu ghal ftit bis-sapun filwaqt li l-hasla bl-ilma kien jaghmilha hu. Jixhed li meta mistoqsi dwar il-frazi *"duda day"* din tirreferi ghall-parti privata tieghu. Izid jghid li hu ma qalx lil missieru li l-imputat kien haslu. Jixhed ukoll li hu jahseb li l-imputat hu bniedem ferriehi u li sahansitra anke jghinu jitghallem kliem bil-Malti. Meta rega' mistoqsi dwar kif l-imputat jahslu l-minuri jghid li l-imputat kien ikun mieghu gox-shower u li jkun gharwien.

Illi xehed **<u>-Omissis-</u>** li huwa missier il-vittma minorenni. Jghid li darba minnhom, meta kien qieghed izomm lit-tifel ghandu, l-istess tifel gie fuqu u qallu li dakinhar l-imputat kien messlu l-parti privata meta kien qieghed jahslu u li sahansitra anke qallu biex imisslu tieghu. Jghid li meta ibnu qallu b'din il-haga hu kien

qieghed jilghab bil-parti tieghu u fil-fatt kien erett. Izid jghid li t-tifel qallu li ommu kienet prezenti. Jghid li gimgha wara li ntqal dan irceviet telefonata minghand l-imputat fejn l-istess imputat qallu li xtaq izomm lit-tifel ghalih. Jixhed li ma jafx jekk din kellhiex tinftiehem b'mod sesswali jew inkella b'mod li l-imputat ried jagixxi bhala missier naturali. Jghid li meta ltaqa' mal-imputat l-ewwel darba hu kien jarah f'dawl tajjeb stante li kien qieghed jilghab bil-*Pokemon* ma' ibnu u kien sejjer tajjeb mieghu.

Jghid li l-konverzazzjoni li kellu ma' ibnu rigward l-allegat reat kienet giet irregistrata fuq il-mobile tieghu u li kien ghadda din ir-registrazzjoni lic-*Child Protection Services* kif ukoll lill-Pulizija. Izid jghid ukoll li meta t-tifel kien qieghed jigi intervistat mill-espert mahtura mill-Magistrat Inkwerenti Dr Donatella Frendo Dimech hu sema' lit-tifel jghid li l-imputat abbuzah madwar erbatax (14)-il darba. Jghid però li tali espert ikkonkludiet li tali atteggjament ma jistax jigi kklassifikat bhala wiehed sesswali. Izid jghid li t-tifel sar anke jmiss il-parti privata tieghu quddiem tfal ohra fl-iskola fejn jattendi. Jghid li hu kien anke kellem lill-eks mara tal-imputat u sar jaf li gieli kien ikollu problema bl-alkohol abbinat mas-sewqan tant li kien habat bil-karozza waqt li kellu t-tfal tieghu mieghu. Jghid li meta qal lil omm ta' ibnu kif ukoll l-

imputat dwar dan l-incident dawn it-tnejn marru s'ghandu mill-ewwel u li l-imputat kien baghatlu messagg li skont hu fiha ammissjoni.

Illi xehdet **<u>l-Ispettur Kylie Borg</u>** li pprezentat mandat t'arrest, fedina penali tal-imputat, certifikat tat-twelid, rapport, u DVD tal-istqarrija. Tghid li nhar l-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena 2022 hi kienet qieghda l-ghassa tal-Vice Squad meta saret taf li certu -Omissis- mar jaghmel rapport gol-istess ghassa. Tghid li tali individwu allega li ibnu ta' hames (5) snin kien abbuzat jew iffastidjat sesswalment mis-sieheb ta' eks martu. Tkompli tghid li hu stqarr li fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena 2020 li meta ibnu kien ikun id-dar ta' ommu kien jithalla wahdu fil-prezenza tal-imputat. Tghid li waqt li l-imputat kien jahsel lit-tifel dan kien imisslu l-parti privata tieghu u l-istess imputat kien isaqsih biex imisslu l-parti privata tieghu. Tghid li skont il-minuri dan kien jissejjah "*the duda day*".

Tixhed li l-kwerelant ma kienx haseb li l-omm tat-tifel kienet taf b'dan kolluz izda rrizultalu tramite t-tifel li l-omm di fatti kienet taf b'dan l-atteggjament. Izzid tghid li stante li l-vittma kellu hames (5) snin meta sehh l-allegat reat, hi kienet talbet lill-

Magistrat tal-Ghassa dakinhar u cioè lill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech sabiex tordna inkjesta u fil-fatt kawza ta' hekk gew mahtura Dr Veronica Ellul Federici bhala psikologa u Jonathan Mizzi sabiex jigbor kwalunkwe recording. Tghid li kienet eventwalment irceviet il-proces verbal fejn gie konkluz mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jitkomplew l-investigazzjonijiet fil-kaz de quo. Tghid li kien ghalhekk li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2020 kien gie esegwit mandat ta' arrest u tfittxija ffirmat mill-Magistrat Dr Noel Bartolo fil-konfront tal-imputat.

Tghid li ghalhekk l-imputat kien gie arrestat u wara li nghata d-drittijiet tieghu kien wiegeb id-domandi maghmula lilu fl-interrogazzjoni u dan fil-prezenza tal-avukat tieghu u cioè Dr Albert Zerafa. Tghid li l-imputat innega dak kollu li l-kwerelant -Omissis- allega fir-rapport tieghu. Tghid li l-imputat stqarr li kull meta nhasel mat-tifel hu dejjem kien ikun liebes il-qalziet ta' taht. Tkompli tghid li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru l-imputat kien tressaq il-Qorti. Izzid tghid li f'Dicembru kienet marret fl-ufficcju taghha s-siehba tal-imputat (u cioè omm il-vittma) -Omissis- li stqarret li waqt li t-tifel kien qieghed jinhasel ghand missieru -Omissis-, dan l-istess missier kien mess lit-tifel b'mod

abbuziv. Tghid ukoll li hi ma kinitx hadet ir-rapport originali ta' -Omissis- izda kien il-kollega taghha u cioè l-Ispettur Brian Xuereb.

Xehdet **Chiara Dimech** inrapprezentanza tac-Child Protection Services li tghid li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena 2021 missier il-vittma u cioè -Omissis- kien mar gewwa l-ufficini tac-Child Protection Services sabiex jirrapporta kaz ta' abbuz sesswali fuq ibnu mis-sieheb tal-omm naturali. Tghid li l-missier kien spjega li kien ilu separat minn mal-omm naturali ghal madwar erba' (4) snin u nofs u li l-komunikazzjoni ta' bejniethom dejjem kienet difficli stante l-aggressività da parti tal-omm. Tghid li l-imputat kompla jispjega li hu kien ikkomunika mal-imputat sabiex jikkalma s-sitwazzjoni izda wara skopra li l-istess imputat kien involut f'separazzjoni problematika u li kien sahansitra anke habat bil-karozza tieghu kemm-il darba filwaqt li kellu access limitat ghall-ulied naturali tieghu. Tghid li l-missier stqarr li dan kien ta' inkwiet ghalih stante li kien qieghed ikun vicin ta' ibnu.

Tkompli tixhed li l-missier stqarr li gimghatejn qabel ma' acceda fl-ufficcju taghha kien stqarr dwar il-fatt li ibnu kien kellmu dwar incident li sehh waqt li kien ghand ommu. Tghid li t-tifel kien spjega li l-imputat kien messlu l-parti privata tieghu u li rrefera

ghal dak il-gest bhala *"duda day"*. Izzid tghid li t-tifel kien spjega li dak il-hin kien hemm prezenti ommu ukoll. Tghid li l-missier kien anke rcieva telefonata minghand l-imputat u li hu hass din il-komunikazzjoni bhala wahda stramba. Tghid ukoll li l-missier kien stqarr li kien kellem lil ibnu dwar l-allegat reat meta nnota li l-istess iben kien imqanqal sesswalment. Tghid li hu spjega li nnota dan stante li ibnu kien qieghed jilghab bil-parti privata tieghu minn fuq il-hwejjeg.

Izzid tghid li hi ggwidat lill-missier it-tifel li kazijiet bhal dawn normalment jintbaghtu lejn il-Vice Squad sabiex jigi investigat. Tghid ukoll li ftit wara saret taf minghand il-missier li t-tifel kien qieghed jigi invistat mill-psikologa Dr Veronica Ellul Federici u dan stante l-Inkjesta Magisterjali. Tixhed li stante din l-inkjesta l-kaz kellu jinghalaq sabiex l-awtoritajiet ikomplu bl-investigazzjonijiet taghhom.

Xehdet **Lara Borg** inrapprezentanza tad-Direttorat tal-Harsien tat-Tfal li tghid li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena 2022 kien gie l-missier -Omissis- sabiex jirrapporta dwar kaz ta' allegat abbuz sesswali fuq ibnu li kellu hames (5) snin. Tghid li -Omissis- kien spjega li hu u martu kienu ilhom separati ghal madwar erba'

(4) snin u li r-relazzjoni taghhom ma kinitx wahda pacifika. Tixhed li l-missier ghal bidu kien jafda lill-imputat izda eventwalment sar jaf li ma tantx kellu reputazzjoni tajba u li kien sahansitra jzomm kumpanija pjuttost dubjuza. Tghid li kien ghalhekk li missier it-tifel kien inkwetat dwar ibnu.

Tixhed li l-kwerelant skopra minghand ibnu li l-imputat allegatament messlu l-parti privata tieghu u dan fil-prezenza tal-omm. Tixhed ukoll li l-missier kien mohhu mistrieh li omm it-tifel kienet tkun prezenti mat-tifel u mal-imputat. Izzid tghid li l-kwerelant kien anke sema' minghand it-tifel li filwaqt li l-imputat messu fil-parti privat tieghu l-istess kien ghamel it-tifel fil-konfront tal-imputat. Tghid li l-kwerelant kien spjega li matul din il-konverzazzjoni it-tifel deher li kien ecitat sesswalment. Tixhed li din il-konverzazzjoni kienet giet irregistrata mill-missier liema registrazzjoni giet traskritta mill-istess xhud (esebit a fol. 127 tal-atti processwali).

Xehdet <u>**-Omissis-**</u> li hija l-omm il-vittma minuri u li ghazlet minn jeddha biex tixhed. Tghid li hi taf lill-imputat stante li kienu f'relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieled il-vittma minuri. Tghid li l-imputat mohhu biex johloqilha problemi f'hajjitha. Tghid li l-

ftehim huwa li t-tifel joqghod mal-missier ghal gimgha u l-gimgha ta' wara joqghod maghha. Tghid ukoll li taf lill-imputat stante li kien l-agent li ghenha tfittex post fejn tista' tiftah hanut. Tixhed li mhuwiex minnu li l-imputat ghamel dak li qieghed jigi allegat izda dan mhu xejn hlief il-missier jipprova jkun vendikattiv maghha. Tghid li l-imputat veru ghen lit-tifel jitghallem biex jinhasel u li hi tatu permess biex jurih kif ghandu jinhasel. Tghid li l-imputat kien qieghed barra mix-shower meta kien qieghed jghallem lill-minuri. Izzid tghid li l-imputat dak il-hin kien liebes par boxers.

Tixhed li darba minnhom meta kien qieghed jinhasel it-tifel minuri innutat li kellu girfa ma' saqsajh u meta saqsietu dwar din il-girfa hu qalilha li missieru kien messu. Tghid ukoll li hi marret d-Depot gewwa l-Furjana biex tirrapporta dan izda hareg mill-minuri li fil-fatt kien l-imputat li messu. Tghid li hi tissuspetta li l-missier qieghed jghid lit-tifel biex jghid li l-imputat qieghed imissu – dwar dan izzid li hi ma regghetx marret id-Depot ghaliex hadet l-impressjoni minghand l-Ispettur li kellmitha li mhix qieghda tagixxi bhala omm responsabbli.

Xehdet **<u>Katya Vassallo</u>** li pprezentat l-istqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok. KV1 a fol. 166 tal-atti processwali.

Xehed **<u>Jonathan Mizzi</u>** li kien nominat fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena 2022 sabiex jaccedi ghac-cellulari ta' -Omissis- u jnizzel il-messaggi li seta' kien hemm bejn l-imputat u l-istess -Omissis- . Ipprezenta rapport dwar dan l-inkarigu mmarkat Dok. JM1 a fol. 189 tal-atti processwali.

Xehdu **<u>Dr Rachel Taylor East</u>** u **<u>Dr Veronica Ellul Federici</u>** li kienu gew nominati fit-tnax (12) ta' Jannar 2023 sabiex jisimghu lill-vittma minuri u jirrappurtaw jekk kienx hemm raguni ghalfejn ix-xhieda tal-istess minuri nbidlet mill-ewwel verzjoni taghhom. Jixhdu li tali inkarigu gie redatt f'rapport esebit u mmarkat bhala Dok. RTE1. Jixhdu li waqt l-intervista li kellhom mal-vittma minuri, l-istess minuri kien konfuz u nnutaw li l-allegazzjonijiet tieghu kienu inkonsistenti. Jixhdu li kienet difficli ghalihom sabiex jaslu ghal xi tip ta' konkluzjoni. Jikkonkludu fir-rapport taghhom li l-vittma minuri ma jbatix minn ebda tip ta' problemi li ghandhom x'jaqsmu mas-sahha mentali. Jixhdu wkoll li jista' jaghti l-kaz li wara li tressaq il-Qorti l-imputat il-vittma minuri biddel il-verzjoni tieghu minhabba certu sens ta' htija. Jixhdu li inkonkluzjoni iktar ma jsaqsu domandi l-familjari lil binhom iktar ha jkun qieghed ihossu konfuz u li tali esperjenza taf tikkawzalu problemi psikologici fil-futur. Jixhdu wkoll li jista' jaghti l-kaz li t-tifel

qieghed jisma' certu affarijiet mid-dar ta' ommu u li b'hekk jasal biex jghid li missieru huwa *"troublemaker"* u huwa ghalhekk li forsi jhossu li ghandu jkun iktar leali ma' ommu milli ma' missieru.

Xehdet **<u>Dr Veronica Ellul Federici</u>** li kienet giet nominata sabiex tkun prezenti ghax-xhieda tal-vittma minuri fis-seduta datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena 2022 u sabiex thejji rapport a rigward il-veracità tax-xhieda tal-istess minuri. Tali rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. VEL1. Tixhed li t-tifel kien konsistenti bejn ix-xhieda moghtija fl-inkjesta kif ukoll fix-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti. Di fatti tikkonkludi kemm mix-xhieda tat-tifel kemm mix-xhieda ta' ommu li l-imputat hasel lill-minorenni. Tixhed li hemm inkonsistenza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-allegazzjoni li t-tifel mess il-parti privata tal-imputat stante li din ma hargitx fix-xhieda tieghu moghtija quddiem din il-Qorti a kuntrarju tax-xhieda moghtija fl-inkjesta.

Xehed **<u>l-Ispettur Brian Xuereb</u>** li jghid li fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena 2022 kien gie l-Ghassa ta' San Giljan fejn stqarr li kellu konverzazzjoni ma' ibnu minorenni ta' hames (5) snin li l-istess minorenni zvela li l-imputat kien missu fil-parti intimi tieghu. Jghid li l-missier kien anke stqarr li qabel ma mar l-Ghassa ta' San Giljan

hu kien digà avvicina c-Child Protection Services izda hass li tali servizz ma kienx qieghed jiffunzjona b'mod spedit. Izid jghid li l-missier stqarr li omm it-tifel ma kinitx tkun prezenti meta kien isehh l-allegat reat. Jixhed ukoll li wara kien tkellem mal-Ispettur Kylie Borg u anke wara certu investigazzjonijiet kienu talbu sabiex tinfetah Inkjesta Magisterjali.

Regghet xehdet <u>Dr Veronica Ellul Federici</u> riprodotta inkontroezami mid-difiza li tghid li fid-drabi li ltaqghet mal-vittma fl-ebda hin ma nnutat li l-istess vittma kien qieghed ibati minn xi biza'. Tikkonferma wkoll li t-tifel jaf ben sew li r-relazzjoni ta' bejn ommu u missieru hija wahda pjuttost turbulenti. Tixhed li tant jaf dwar din is-sitwazzjoni li l-minuri huwa kapaci jifhem meta jmissu li jkollu access ma' missieru u meta jmissu li jkollu access ma' ommu. Tghid ukoll li t-tifel ihobb kemm lil missieru kif ukoll lil ommu tant li hu jipprova jikkuntentahom lit-tnejn li huma. Izzid tghid ukoll li skont ma qalilha t-tifel l-atteggjament tal-imputat kien tali mod li qisu qeghdin jilaghbu loghba waqt l-allegat reat. Tixhed li ma hemmx regoli stretti ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' boundaries personali u li kull familja ghandha regoli differenti ghal kif jghinu lit-tfal taghhom jinhaslu.

Tixhed li fuq dan l-ahhar punt l-impressjoni li kellu l-missier kien li l-imputat agixxa b'mod lil hinn minn dawn il-boundaries. Tghid ukoll li fl-ewwel intervista li kellha mat-tifel, l-istess tifel ma spjegax li l-imputat kien qieghed jghinu biex jinhasel izda li din harget fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. L-istess jista' jinghad a rigward il-prezenza tal-omm fil-kamra tal-banju. Tixhed li hu u jirrakkonta kif sehh l-allegat reat it-tifel kien qieghed jidhaq izda li fil-fehma taghha dan jista' jaghti lok ghal iktar konfuzjoni fil-futur a rigward ta' x'ghandu jkun accettabbli u mhux accettabbli fil-boundaries personali. Tghid ukoll li jista' jkun il-kaz li t-tifel ma ddejjaqx bil-mod kif l-imputat haslu stante l-età tenera tieghu u li jista' jaghti l-kaz li la jikber ikun irid il-privatezza tieghu. Tixhed ukoll li jekk tifel ta' età minorenni ma jafx jinhasel allura hemm mod u mod dwar kif il-genituri jew il-kuraturi ghandhom jghallmuh.

Xehed ukoll <u>**l-imputat**</u> li jghid li ilu johrog ma' omm il-minuri madwar sentejn. Jixhed li hu kien jahdem mal-*Ballut Blocks Ltd.* bhala agent u xoghlu kien li jirriklama postijiet ghal kirjiet kummercjali. Jixhed li omm il-vittma minuri kienet ikkuntattjatu sabiex tikri zewgt ihwienet halli tuzahom bhala parlour. Jghid ukoll li hu ghamel ix-xoghol kollu ghaliha u sahansitra anke ghena

ccaqlaq l-ghamara mic-Cina. Jixhed li kien jaf li kienet ghaddejja minn separazzjoni filwaqt li hu kien ghadu kif iffinalizza s-separazzjoni tieghu. Jixhed li kif tlesta dan ix-xoghol kollu hu saqsiha biex johorgu flimkien u hi accettat. Izid jghid li minn hemm beda jintegra ruhu f'din il-familja l-gdida filwaqt li jlaqqaghha mal-familja tieghu. Jixhed ukoll li t-tifel tas-siehba tieghu jmur sew hafna mat-tfal naturali tieghu.

Izid jghid li eventwalment mar jghix maghha. Jghid li hemmhekk seta' jinnota li bejn il-missier u l-omm ikun hemm glied kontinwu u dan meta jkun hemm bzonn li jittiehdu ghazliet ghall-minuri. Jixhed li fil-fatt il-genituri ixewxu lit-tifel kontra xulxin. Jghid ukoll li hu seta' jinnota li t-tifel mhux organizzat f'affarijiet kemm edukattivi kif ukoll bazici u ghalhekk ha l-inizjattiva biex jghallmu u jghinu. Jixhed li meta gie biex jghallmu kif jinhasel hu kien saqsa lil ommu jekk jistax jghallmu u li beda jurih fuqu nnifsu. Jixhed li qatt ma messu u lanqas kien hu li xxuttah izda li kienet ommu. Jghid li minhabba dan kollu kien sar jahsibha darbtejn jekk ghandux ikun vicin il-minuri jew jghinu.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhal dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid*

*il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija*

*vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved*

*beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li l-allegati reati kkommettihom l-imputat odjern u dan ghaliex jirrizulta li hemm ezisteni diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju*

*fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx*

*wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## IKKUNSIDRAT

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi cirkostanzjali mressqa mill-prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità tieghu bhala xhud u l-veracità tat-testimonjanza tieghu.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, lokalment ghandna gurisprudenza varja li tghallimna dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk –

*"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun*

*sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus***

***depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.***

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to*

*the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent*[1]. *It cannot hear him without oath (...)"***

Illi fit-tieni lok u fl-ambitu tal-kredibilità ta' testimonjanzi ta' minuri f'kazijiet ta' abbuzi qed jigi kkwotat artikolu mill-pjattaforma online **HEINONLINE** ppublikat fit-18 ta' Gunju 2022 li fih jigi kkwotat estensivament publikazzjonijiet minn Albany Law Review tas-sena 1993 fejn intqal is-segwenti:

*"In the context of sexual abuse cases, evidence shows that while children are capable of experiencing sexual fantasies, those fantasies usually have some basis in an*

[1] Emfazi tal-Qorti

*actual experience. If a child describes a sexual experience in detail, it is unlikely the child has created a fantasy: "When a 5-year-old provides a clear-cut verbal description, dramatic enactment, or pictorial representation of an erect, discharging penis, or of vaginal or anal penetration, it is unlikely that such a memory has been spontaneously invented. Children are generally not capable of simulating such an event unless they have experienced it.*

*Nurcombe illustrates this concept with the account of a young boy: Demonstrating what his mother had done to him, a 7-year-old boy of borderline intelligence placed the head of a female doll over the genitals of an anatomically explicit male doll, giggled conspiratorially, and made eager rhythmic movements and sounds. After placing a pencil in such a way that it protruded horizontally from the crotch of a male doll, he rammed the pencil point-first into the hind parts of a female doll, representing, thus, what he alleged he saw his father to do [sic] a female cousin.*

*According to Nurcombe's theory, a child of this age is unlikely to have created this "fantasy" because the*

*description was simply too dramatic and detailed to be within the scope of a seven year old's imagination."*

Illi ghaldaqstant m'hemmx dubju illi ghalkemm il-minuri -Omissis- kien ta' età zghira meta ta x-xhieda tieghu, il-Magistrat, kienet hadet il-prekawzjoni li jkollha maghha psikologa mqabbda minnha u kienet sodisfatta illi l-istess minuri fehem li ried jghid il-verità.

Illi però minkejja dan ghandu jinghad li fix-xhieda tieghu, il-minuri ma kienx konsistenti. Di fatti l-Qorti tinnota li f'hin minnhom il-minuri jghid li l-imputat ma kienx qieghed jinhasel mieghu gewwa x-shower izda ftit wara jghid li kien go dan ix-shower. Inkonsistenza ohra li harget hi l-fatt li quddiem il-Magistrat Inkwerenti l-minuri sahaq li hu mess il-parti privata tal-imputat izda meta xehed quddiem din il-Qorti dan ma ntqalx.

Illi a rigward ta' din l-inkonsistenza referenza qieghda ssir ghax-xhieda ta' Dr Veronica Ellul Federici a fol. 242 tal-atti processwali:

*"Dr. Albert Zerafa:* *Naqblu wkoll li l-minuri jipprova joghgob kemm*

*lil ommu u kif ukkoll lil missieri. Jigifieri jaghmel minn kollox biex min-naha tieghu.*

*Dr. Veronica Ellul Federici:* *Emm ehe."*

Illi fuq dan il-punt il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li hu ovvju li r-relazzjoni bejn l-omm u l-missier hu wiehed oltre` minn turbulenti, fatt li sahansitra anke t-tifel jaf ben tajjeb. Ghalhekk min-naha wahda l-Qorti tiddeplora l-fatt li f'kaz tipiku ta' pika z-zewg nahat irrikorrew ghar-rizorsi tal-Qrati sabiex jippruvaw jimminaw lil xulxin u dan billi juzaw l-età tenera tat-tifel akkost tal-innocenza tal-istess tifel. Referenza qieghda ssir ghal fol. numru 219 tal-atti processwali fejn jintqal hekk mill-espert Dr Rachel Taylor East u Dr Veronica Ellul Federici:

> *"Since the child appeared very confused about the allegations and about his family, it is important that **all parties**[2] understand that further questioning of the child*

[2] Emfazi tal-Qorti

*will create more discomfort which may affect his psychological well-being."*

Illi min-naha l-ohra l-Qorti tifhem li r-realtà hi li l-imputat qieghed jipprova jintegra ruhu gewwa familja differenti izda xorta wahda ghandu jkun ir-responsabbilità tal-imputat sabiex jara li ma jitqieghedx f'sitwazzjonijiet simili bhal dawk odjerni. Dan qieghed jinghad mhux biss ghal gid tal-istess imputat izda anke sabiex izomm l-interess tal-minuri bhala priorità filwaqt li anke jzomm milli jzid man-nar li digà hemm bejn l-omm u l-missier.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehdet Dr Veronica Ellul Federici fis-seduta datata sbatax (17) ta' Ottubru 2023 a rigward il-boundaries personali:

*"... Jigifieri dik, dik imbaghad qisu meta jinqabzu certu boundaries, it-tifel ghall-futuru tieghu ta' jigifieri qed nghid jigifieri jista' jkun li hu jkun konfuz..."*

Illi ghalhekk il-Qorti qieghda taghmilha cara lill-imputat sabiex iqis kollox ma' kollox meta jkun qieghed jinteragixxi mat-tifel.

**IKKUNSIDRAT**

Illi din il-Qorti mill-ewwel ser tirrimarka illi ma tistax tqis ix-xhieda tal-minuri bhala wahda konsistenti.

A rigward il-fatti tal-kaz, din il-Qorti thoss illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi ghaliex temmen li l-verzjonijiet tal-allegat vittmi m'ghandhomx mis-sewwa. F'dan ir-rigward issib applikabilità l-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti konfort lil din il-Qorti fuq l-argumentazzjoni a rigward dan il-punt:

> *"L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' minghandu jiggudika l-fatti,* ***billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz****".*[3]

[3] Emfazi tal-Qorti

Illi f'dawn il-proceduri hareg illi l-imputat kien qieghed jipprova jghallem lit-tifel minuri ta' kif ghandu jinhasel. Ghandu jinghad ukoll illi l-missier naturali tal-minuri qieghed jinsinwa li l-imputat izomm kumpanija dubjuza ma hiex raguni soda sabiex wiehed jikkonkludi li l-imputat kellu intenzjoni kriminuza. Il-Qorti di fatti ssib serhan il-mohh fix-xhieda tal-imputat stante li hareg bic-car li hu jixtieq il-benessere tat-tifel u li sahansitra jhobbu daqs li kieku huwa ibnu.

Illi mix-xhieda moghtija mill-imputat fis-seduta datata sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena 2023 toffri serhan il-mohh lil din il-Qorti li fil-verità l-imputat ma kellux il-*mens rea* sabiex jikkommetti dak li qieghed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni. Huwa principju ben stabbilit li sabiex ikun hemm delitt irid ikun hemm prezenti kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Illi r-regola generali fid-dritt penali hija li *"actus non facit reum, nisi mens sit rea"*. Di fatti **l-Professur Mamo** jghid hekk fin-noti tieghu:

> *"The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the old legal maxim:*

*"actus non facit reum, nisi mens sit rea". The act alone does not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these as the material and the formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal condition, on the other hand, is the "mens rea", or guilty mind, with which the act is done."*

Illi fl-ahhar mill-ahhar il-Qorti taghmel taghha dak li kkonkludiet l-espert Dr Veronica Ellul Federici a fol. 226 tal-atti processwali:

*"From the minor's disclosures during the clinical interview and video conference, the conclusions put forth in the magisterial inquiry report, dated 13th June 2022, remain the same.* ***That is, it seems that the alleged behaviour took place in the context of giving a child a shower. The child's disclosures do not indicate that the minor was forced to***

*participate in sexualised behaviour to stimulate an adult or the child himself or with the intent to sexually abuse the minor."*[4]

## Decide

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat **-Omissis-** mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena stante li ma gewx ippruvati oltre d-dubju dettat mil-ligi.

-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**

---

[4] Emfazi tal-Qorti.